MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2014

Numru. 1284/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Oswal Francis Natalin Bennetti ta' 36 sena, iben Oswald Gaitano u Maria Patricia nee' Hands, detentur tal-Karta ta' l-Identita' Nru 129291(M)**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' l-akkuzat imressaq taht arrest fit 2 ta' Dicembru 2012 talli l-gurnata ta' qabel, fl-1 ta' Dicembru 2012, ghal habta tas 6.15am u fil-hin ta' qabel, gewwa Triq Andrew Cunningham, San Pawl il-Bahar u fi bnadi ohra

1. volotarjament ikkagunajt griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ellen Winifred
2. volontarjament ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Christina Joyce
3. kiser il-paci u l-ordni pubblika bl-ghajjat u glied
4. heddidt jew ingurjajt bi kliem lill Ellen Winifred ta' tnax-il sena

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Chritsina Joyce u Ellen Winifred

Rat id-dokumentazzjoni esebita mill-prosekuzzjoni, ossija statement ta' l-akkuzat datat 1 ta' Dicembru 2012 u rapport tal-Pulizija;

Rat il-karta ta’ l-identita’ ta’ l-akkuzat esebita in atti mill-prosekuzzjoni.

Semghet l-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkuzi lill-imputat, li wiegeb mhux hati.

Rat ix-xhieda ta’ **Christina Joyce** u **Ellen Winifred Collins** moghtija fit 2 ta’ Dicembru 2012.

Rat ix-xhieda tal-**PS 935 Patrick Cassar** moghtija fid 19 ta’ Dicembru 2012.

Rat il-passaport ta’ l-akkuzat ippresentat fid 19 ta’ Dicembru 2012.

Rat illi l-Avukat Generali irrifjuta illi jaghti l-kunsens sabiex il-kawza titkompla u ghalhekk il-kawza kellha tigi rinvjata ghandhom.

Rat illi fit 18 ta’ April 2013 il-prosekuzzjoni iddikjarat illi ghalqet il-provi izda, peress illi kien ghad ma ghandhiex il-kunsens ta’ l-Avukat Generali, din il-Qorti ma setghetx tkompli bil-kawza u ghalhekk l-atti kellhom jigu rinvijati lilha.

Rat illi fit 22 ta’ Mejju 2013, l-Avukat Generali, tramite Dr Lara Lanfranco, informa lill-Qorti illi ma kellux bizzejjed zmien sabiex jezamina l-kaz u gahlhekk talab estenzjoni taz-zmien.

Rat illi peress li l-atti gew rinvjati oltre it-terminu previst mill-Ligi, l-Avukat Generali fit 3 ta’ Gunju 2013 reggha talab sabiex jinstemghu mill-gdid il-provi kollha gia prodotti.

Semghet l-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkuzi lill-imputat, li wiegeb mhux hati.

Rat illi fil 5 ta’ Gunju 2013 il-partijet qablu illi ma kienx hemm bzonn li jergghu jinstemghu ix-xhieda kollha kif mitlub mill-Avukat Generali u il-kawza setghet titkompla bil-provi.

Rat illi fid 19 ta’ Settembru 2013, din il-Qorti regghet ghal darba ohra baghtet l-atti lill-Avukat Generali sabiex jaghti l-kunsens tieghu u, ghal darba ohra, l-Avukat Generali rrifjuta illi jaghti l-kunsens tieghu.

Rat illi peress li, ghal darba ohra, l-atti gew rinvjati oltre it-terminu previst mill-Ligi, l-Avukat Generali fit 22 ta’ Ottubru 2013 reggha talab sabiex jinstemghu mill-gdid il-provi kollha gia prodotti.

Rat illi peress li, ghal darba ohra, l-atti gew rinvjati oltre it-terminu previst mill-Ligi, l-Avukat Generali fit 19 ta’ Novembru 2013 reggha talab sabiex jinstemghu mill-gdid il-provi kollha gia prodotti.

Rat illi fil 21 ta’ Novembru 2013, dina l-Qorti wriet id-thassib serju taghha dwar id-dilungar inutili u bla bzonn illi l-Avukat Generali kien qieghed jirreka f’dina l-kawza u ordna lill-Avukat Generali sabiex jippersisti sabiex il-kawza odjerna tinghalaq.

Sema ix-xhieda ta’ **Dr Vanshree Patel** u **Dr Charlene Magri** fil 21 ta’ Novembru 2013.

Ra ill l-Avukat Generali, fid 29 ta' Novembru 2013, ghogbu jirrapporta lill-dina l-Qorti lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja talli ilmentat ma' l-Avukat Generali li kien qieghed itawwal inutilment il-kawza odjerna.

Rat illi fid 9 ta' Dicembru 2013 dina l-Qorti baghtet l-inkartament lill-Avukat Generali sabiex jaghti l-kunsens tieghu jew johrog l-Artikoli.

Rat illi peress li, ghal darba ohra, l-atti gew rinvjati oltre it-terminu previst mill-Ligi, l-Avukat Generali fit 2 ta' Jannar 2014 reggha talab sabiex jinstemghu mill-gdid il-provi kollha gia prodotti.

Rat illi fis 7 ta' Jannar 2014, l-Avukat Generali, ghal darba ohra, ghamel rikors a tenur ta' l-artikolu 370 (4) (b) fejn talab illi l-atti jergghu jigu sanati.

Rat illi fid 9 ta' Jannar 2014, l-akkuzi regghu inqraw u gew sanati u l-akkuzat ezenti lill-prosekuzzjoni milli jipproduci bhala xhieda lill-ufficjali tal-Pulizjija u t-tobba filwaqt illi insista li jingiebu l-provi l-ohra kollha mill-gdid.

Rat illi fis seduta ta' l-14 ta' Frar 2014 il-prosekuzzjoni ma ghamlet xejn u fis-seduta tal-25 ta' Frar 2014 il-prosekuzzjoni regghet ma ghamlet xejn.

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2014 regghet xehdet it-tabiba **Charlene Magri**.

Rat illi fis-seduta ta' l-24 ta' Marzu 2014 xehed l-Ispettur **Gabriel Micallef**.

Rat illi finalment, fil 11 ta' April 2014, wara sittax-il xahar li kien tressaq bl-arrest l-akkuzat, l-Avukat Generali ghogbu jaghti l-kunsens tieghu a tenur ta' l-Artikolu 370 (3) (a) sabiex dina l-Qorti tghaddi biex tisma u tiddeciedi l-kaz.

Rat illi fis 6 ta' Mejju 2014 l-akkuzat iddikjara illi ma kellu ebda oggezzjoni li jigi gudikat minn dina l-Qorti.

Rat illi fit 3 ta' Gunju 2014 il-prosekuzzjoni iddikjarat illi ma kellha ebda provi ohra x'tippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' l-akkuzat **Oswald Benetti** moghtija fis 26 ta' Gunju 2014.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-akkuzat

Rat l-artikoli tal-Ligi illi biha gie akkuzat l-imputat, ossija l-Artikolu 216, 221, 338 (dd) u 339 (e) tal-Kap 9.

**Ikkunsidrat**

L-ewwel u qabel kollox, dina l-Qorti tixtieq tesprimi d-disappunt taghha dwar il-mod kien tmexxiet il-kawza odjerna mill-prosekuzzjoni u l-Avukat Generali, liema kawza setghet facilment tigi deciza aktar minn sena u nofs ilu izda baqghet tkarkar ghal dana il-periodu kollha minhabba l-intransigenza ta' l-Avukat Generali biex jaghti l-kunsens sabiex tali proceduri jigu decizi fi zmien qasir u minflok irrappurtat lill dina l-Qorti lill-Kummissjoni

ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja talli, skond huma, naqqset milli tottempera ruhha mat-termini legali imposti fuqha.

Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi kieku ma ghadnhiex regolati minn sistema arkaika dettata unikament sabiex tibbenefika lill-Avukat Generali u biex timpedixxi lill-Qorti tipprocedi bil-kawza b'mod spedit u gust, u kieku l-Avukat Generali ta' il-kunsens tieghu kif messu ghamel mal-ewwel, kieku ma kienx ikun mehtieg n-necessita sabiex dina l-Qorti tottempera ruhha ma termini qosra u perentorji, b'detriment ghall-numru kbir ta' kawzi ohra illi l-Qorti ikollha ippjanati minn ferm qabel u li jkollhom jigu ingustament differiti minhabba f'rikjesti li jsiru fl-ahhar minuta mill-Avukat Generali, u l-kawza setghet tigi deciza ferm qabel illum.

**Ikkunsidrat**

Bhala fatti tal-kaz, il-Qorti, in vista tal-mod kif kienet gestita l-kaz, kienet rinfacjata biss bix-xhieda tal-PS 935, ta' l-Ispettur Gabriel Micallef, tat-tobba Dr Vanshree Patel u Dr Charlene Magri u ta' l-akkuzat, peress illi x-xhieda ta' Christina Joyce u Ellen Winifred Collins ma gewx riprodotti wara illi l-akkuzat regghu inqarawli l-akkuzi.

Madanakollu, ghalkemm dina l-Qorti ma tistax tikkunsidra x-xhieda ta' Joyce u Collins, xorta wahda, abbazi tal-provi prodotti, hija f'pusizzjoni illi taghti sentenza gusta u ekwa ibbazata fuq fatti ppruvati.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta mill-provi prodotti, illi fid-29 ta' Novembru 2012, l-akkuzat kien ippercepixxa l-paga tieghu u mar fil-flat fejn huwa kien jghix mal-habiba tieghu, Christina Joyce, illi maghha huwa kellu tifla ta' ftit anqas minn sentejn, u kienet tghix maghhom ukoll Ellen Winifred, tifla ta' Christina Joyce minn relazzjoni ohra illi kellha.

Jirrizulta illi Christina Joyce kienet qieghda tghid lill-akkuzat li kienet imdejqa f'Malta u li riedet titlaq minn hawn u huwa kien wieghda li jixtrilha l-biljetti sabiex titlaq lura pajjizha flimkien mat-tifla tieghu.

Jirrizulta illi dakinhar, l-akkuzat ghadda l-paga kollha tieghu lill-Joyce sabiex dina tkun tista tmur taghmel ix-xirjiet tad-dar u taghmel xi spejjez ohra relatati mal-ghijxien u thallas il-kera tal-flat.

L-ghada, il-Gimgha 30 ta' Novembru 2012, huwa mar ix-xoghol u, mument minnhom Christina Joyce cemplitlu u qaltu li bil-flus li kien taha, hija ma kienetx hallset il-kera u ghamlet ix-xirja, izda kienet xtrat biljetti sabeix titlaq minn MAlta u kienet ser titlaq it-Tnejn ta' wara.

Wara illi lesta mix-xoghol, huwa mar lura l-appartament u, wara li qatta ftit hin mat-tifla tieghu, ppakkja l-affarjiet kollha tieghu minn hemm u hadhom ghand ohtu fejn ried imur jghix peress illi ma riedx jibqa fil-flat la darba Joyce kienet iddecidiet illi tmur lura pajjizha.

Filghaxija, madanakollu, xtaq illi jqatta ftit aktar hin mat-tifla tieghu qabel ma tehodha Joyce u ghalhekk cempel lill-Joyce biex jara jekk riedetux lura u hija qaltlu illi hija qatt ma ridietu jitlaq u ghalhekk mar lura biex iqatta ftit hin mat-tifla.

Jirrizulta illi, waqt illi kien hemm, huwa u Joyce bdew jitkellmu bl-aktar mod civili u sahansitra bdew jixorbu flimkien, u tali diskussjoni u xorb baqa ghaddej tul il-lejl kollu.

Jirrizulta illi, mument minnhom, Joyce qaltu illi t-tifla taghha Ellen Winifred kienet suggeritilha li, bil-mohbi tieghu, ibieghu l-affarjiet kollha tieghu u bil-flus jaharbu ‘l hemm. L-akkuzat, imweggha b’dan illi kienet ghadha kif qaltlu, iddecieda jmur jorqod u ghadda biswit Ellen Winifred li kienet rieqda mat-tifla tieghu.

Jirrizulta illi hekk kif ghadda minn hdejha, dina qamet u marret hdejn Joyce u sussegwentement, Joyce u it-tifla minuri Winifred hebbew ghall-akkuzat. Mument minnhom, it-tifla Winifred tat daqqa ta’ ponn lill-akkuzat fi snienu tant illi kisritlu parti minn snienu. Wara tali daqqa, hija ipprocediet biex tipprova taghtih daqqa ohra u, bl-istint, l-akkuzat gholla idejh sabiex jipprotegi wiccu u it-tifla laqtet idejha ma’ id l-akkuzat u induna li weggeht idejha.

Jirrizulta illi eventwalment, qamet it-tifla iz-zghir b’dana l-ghajjat u harbet il-barra u, Winifred u Joyce marru jigru warajha filwaqt illi l-akkuzat, meta ra illi kienu hargu mid-dar, qabad u ghalaq il-bieb tal-flat ghall-rotezzjoni tieghu filwaqt illi cempel lill-Pulizjija ghall-assistenza.

Jirrizulta illi eventwalment gew il-Pulizija u l-akkuzat reggha fetah il-bieb u Joyce u Winifred, bl-intervent tal-Pulizija, rritornawlu l-mobile illi kienu hadulu. Sussegwentement l-akkjuzat kien sejjer ‘l hemm kif ordnat mill-Pulizija meta ftakar illi kien nesa xi haga fuq u tela ghaliha. Kellem lill Joyce illi qaltu li ma kien hemm xejn izda l-Pulizija rawh tiela u marru ghalih u avzawh li kienu ser johrogu akkuzi kontra tieghu.

Jirrizulta, skond ix-xhieda ta’ l-akkuzat, illi Joyce insistiet mal-Pulizija sabiex ma jipprocedu b’ebda kawza izda l-Pulizija insistew li jekk ma jipprocedux kontrieh kienu ser jipprocedu kontra taghha.

B’hekk saret il-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Kif gia irrilevat il-Qorti precedentement, il-kawza quddiem dina l-Qorti kienet wahda illi setghet facilment tigi deciza u rizolta fi ftit xhur, u damet dana iz-zmien kollha unikament tort tal-mod kif tmexxiet il-prosekuzzjoni taghha,

Madanakollu, dina l-Qorti qieghda hawn sabiex tassikura mhux biss illi ssir il-gustizzja illi tidher li ssir.

Mill-akkuzi migjuba quddiemha, l-aktar akkuzi serji illi kellha tikkunsidra kienu dawk illi kkawza griehi serji fuq Ellen Winifred u griehi hfief fuq Christina Joyce, ossija l-ewwel zewgt akkuzi.

Fuq il-provi prodotti, il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi l-akkuzat kien attakkat minn Ellen Winifred u Christina Joyce u li huwa agixxa sabiex jiddefendi lilu nniffsu.

Il-Qorti ma ghandha ebda dubju ukoll illi l-griehi li soffrew kemm Ellen Winifred u Christina Joyce kienu griehi li rrekaw fuqhom infushom huma u jhebbu ghall-akkuzat.

Ghalhekk l-ewwel u tieni akkuza ma jirrizultawx ippruvati.

Dwar it-tielet akkuza, jirrizulta illi kwalsiasi diverbju illi seta' inqala bejn l-akkuzat u Christina Joyce u Ellen Winifred sehh gewwa il-flat li fih kienu qed jirrisjedu u ghalhekk ma sarx fi post pubbliku.

Ghalhekk, it-tielet akkuza ma tirrizultax ippruvata.

Finalment, dwar ir-raba akkuza, la darba ix-xhieda ta' Ellen Winifred ma setghetx tigi kkunsidrata minn dina l-Qorti, ma hemm ebda provi dwar tali akkuzi.

Ghalhekk, ir-raba akkuza ma tirrizultax.

Il-Qorti, ghalhekk

Abbazi tal-provi kif migbura

Tillibera lill-akkuzat mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu peress illi mhux ippruvati

Il-Qorti tordna illi l-Karta ta' l-Identita' u il-Passaport ta' l-akkuzat jigu ritornati lill-akkuzat mir-Registratur.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------